KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WAHL
ippreżentati fl-10 ta' Lulju 2014[1]

**Kawża C-171/13**

**Raad van bestuur van het Uitvoeringsinstituut werknemersverzekeringen (Uwv)**
**vs**
**M.S. Demirci**
**D. Cetin**
**A.I. Önder**
**R. Keskin**
**M. Tüle**
**A. Taskin**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa miċ-Centrale Raad van Beroep) (il-Pajjiżi l-Baxxi)]

"Assoċjazzjoni KEE-It-Turkija — Deċiżjoni Nru 3/80 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni — Sigurtà soċjali ta' ħaddiema migranti — Benefiċċju supplimentari allokat abbażi ta' leġiżlazzjoni nazzjonali — Kriterju ta' residenza — Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 3/80 — Esportabbiltà ta' benefiċċji — Riċevituri detenturi ta' ċittadinanzi multipli — Ċittadinanza ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea — Artikolu 59 tal-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-It-Turkija — Klawżola ta' trattament mhux preferenzjali"

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 3/80 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KEE-It-Turkija (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni Nru 3/80")[2]. Dik id-dispożizzjoni tipprojbixxi l-introduzzjoni ta' klawżoli ta' residenza b'rabta mal-ħlas ta' ċerti tipi ta' benefiċċju fi flus lil ħaddiema Torok.

2. B'mod iktar speċifiku, il-każ jirrigwarda l-applikazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni għal dawk li ex ħaddiema ta' nazzjonalità Torka li minn dak iż-żmien 'l hawn kisbu n-nazzjonalità tal-Istat Membru ospitanti, meta fl-istess waqt kienu żammew in-nazzjonalità Torka. Iqumu d-domandi li ġejjin: Il-kisba taċ-ċittadinanza tal-Istat Membru ospitanti ċċaħħad lil dawk il-ħaddiema mid-drittijiet li kieku kien ikollhom bis-saħħa tal-Artikolu 6? Dawk il-ħaddiema li jkunu għadhom intitolati għal benefiċċju supplimentari mhux kontributorju fi flus (anċillari għal benefiċċju tal-invalidità) mogħti abbażi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru ospitanti[3] anki jekk ikunu marru lura t-Turkija u l-leġiżlazzjoni nazzjonali timponi l-kriterju tar-residenza? Jekk le, meta jista' benefiċċju supplimentari jiġi rtirat?

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — Deċiżjoni tad-19 ta' Settembru 1980 dwar l-applikazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali tal-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej lil ħaddiema Torok u lil membri tal-familji tagħhom (ĠU C 110, p. 60).

3 — Toeslagenwet tas-6 ta' Novembru 1986 (il-Liġi dwar benefiċċji supplimentari; "it-TW").

## I – Il-kuntest ġuridiku

### A – *L-Assoċjazzjoni KEE-It-Turkija*

3. Fit-12 ta' Settembru 1963, ġie ffirmat ftehim li stabbilixxa assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tat-Turkija (iktar 'il quddiem "il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni"[4]). L-Artikolu 9 ta' dak il-ftehim jistabbilixxi projbizzjoni ġenerali tad-diskriminazzjoni abbażi ta' nazzjonalità bejn il-partijiet fil-ftehim.

4. Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ġie ffirmat fit-23 ta' Novembru 1970 (iktar 'il quddiem "il-Protokoll Addizzjonali"[5]). L-Artikolu 39(4) tiegħu li jiżgucra li "pensjonijiet għax-xjuħ, benefiċċji minħabba mewt u pensjoni għal invalidità" jkunu jistgħu jiġu ttrasferiti lejn it-Turkija. Skont l-Artikolu 39(5), dik id-dispożizzjoni ma għandux ikollha effett fuq arranġamenti iktar favorevoli miftiehma bilateralment bejn it-Turkija u Stat Membru.

5. L-Artikolu 59 tal-Protokoll Addizzjonali jipprojbixxi trattament preferenzjali, billi jgħid li "fl-oqsma koperti b'dan il-Protokoll it-Turkija ma għandhiex tirċievi trattament iktar favorevoli minn dak li Stati Membri jagħtu wieħed lil ieħor [...]".

6. Fid-19 ta' Settembru 1980, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni adotta d-Deċiżjoni Nru 3/80. Dik id-deċiżjoni hija maħsuba sabiex tikkoordina l-iskemi ta' sigurtà soċjali tal-Istati Membri sabiex ħaddiema Torok, kif ukoll membri tal-familji tagħhom u s-superstiti tagħhom, ikunu intitolati għal benefiċċji fil-qasam tas-sigurtà soċjali.

7. Skont l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Nru 3/80, id-dispożizzjonijiet ta' dik id-deċiżjoni għandhom japplikaw, *inter alia*, "għal ħaddiema li huma jew li kienu suġġetti għal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru wieħed jew iktar u li huma ċittadini Torok". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

8. L-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni Nru 3/80 jiżgura trattament ugwali fir-rigward ta' "l-obbligi u l-benefiċċji skont il-leġislazzjoni ta' kull Stat Membru". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

9. L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 3/80 jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-istrument. Skont il-punt (b) tal-Artikolu 4(1), id-deċiżjoni għandha tapplika għal "benefiċċji tal-invalidità, inklużi dawk intiżi għaż-żamma jew it-titjib fil-kapaċità tal-qligħ" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

10. Il-paragrafu 1 tal-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 3/80 jgħid:

"Għajr fejn provdut xorta oħra f'din id-Deċiżjoni, benefiċċji fi flus għall-invalidità, ix-xjuħija jew għas-superstiti u pensjonijiet għall-inċidenti fuq ix-xogħol jew għall-mard ikkaġunat mix-xogħol [...] miksuba skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru wieħed jew iktar, għandhom ikunu bla ħsara għal kull tnaqqis, modifika, sospensjoni, irtirar jew konfiska minħabba l-fatt illi min jirċevihom ikun jirrisjedi fit-Turkija jew fit-territorju ta' Stat Membru differenti minn dak li tkun tinsab fih l-istituzzjoni responsabbli għall-ħlas.

[...]"

4 — Dan il-ftehim ġie konkluż, approvat u kkonfermat f'isem il-Komunità mill-Kunsill tal-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 64/732/KEE tat-23 ta' Diċembru 1963 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 11, p. 10).

5 — Il-Protokoll Addizzjonali ġie ffirmat fi Brussell fit-23 ta' Novembru 1970 u kien konkluż, approvat u kkonfermat f'isem il-Komunità bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2760/72, tad-19 ta' Diċembru 1972 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 11, p. 41).

B – *Ir-Regolament (KEE) Nru 1408/71*[6]

11. Ir-Regolament Nru 1408/71 jikkoordina s-sistemi tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri sabiex jiggarantixxi li ħaddiema li jiċċaqalqu fl-Unjoni Ewropea jkunu dejjem koperti b'leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali.

12. L-Artikolu 4 jiddelimita l-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tar-Regolament. Skont l-Artikolu 4(1), ir-Regolament Nru 1408/71 għandu japplika għal "benefiċċji ta' l-invalidità, inklużi dawk maħsuba għall-manteniment jew it-titjib fil-kapaċità tal-qligħ (tal-flus)".

13. B'mod iktar speċifiku, l-Artikolu 4(2a) jiddefinixxi "benefiċċji fi flus speċjali u mhux kontributorji", jiġifieri, il-kategorija li fiha jaqa' l-benefiċċju inkwistjoni fil-każijiet pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju.

14. Filwaqt li l-Artikolu 10(1) jipprekludi lill-Istati Membri milli jimponu l-kriterju ta' residenza, l-Artikolu 10a(1) jeskludi ċerti benefiċċji fi flus speċjali u mhux kontributorji minn dik il-projbizzjoni. L-Artikolu 10(a) jaqra kif ġej:

"Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 10 u tat-Titolu III m'għandhomx japplikaw għall-benefiċċji ta' flus speċjali u mhux kontributorji msemmija fl-Artikolu 4(2a). Il-persuni li għalihom japplika dan ir-Regolament għandhom jirċievu dawn il-benefiċċji esklużivament fit-territorju ta' l-Istat Membru fejn jirrisjedu u skond il-liġi ta' dak l-Istat, sakemm dawn il-benefiċċji jkunu msemmija fl-Anness IIa. Benefiċċji għandhom jitħallsu mill-istituzzjoni tal-post tar-residenza u bi spejjeż tagħha."

15. Permezz ta' emenda introdotta bir-Regolament (KE) Nru 647/2005[7], it-TW żdiedet mal-lista ta' benefiċċji speċjali u mhux kontributorji fi flus fl-Anness IIa tar-Regolament. Dik l-emenda daħlet fis-seħħ fil-5 ta' Mejju 2005.

C – *Id-dritt tal-Pajjiżi l-Baxxi*

16. It-TW tirregola l-għoti ta' benefiċċji supplimentari fil-Pajjiżi l-Baxxi. Dawn il-benefiċċji jingħataw bil-għan li jkun żgurat ċertu livell minimu ta' sussistenza għal kulħadd. Skont it-TW, l-Uitvoeringsinstituut werknemersverzekeringen (Aġenzija għall-Assigurazzjoni għall-Impjegati, iktar 'il quddiem "l-Uwv") huwa l-awtorità li, meta tirċievi applikazzjoni mingħand individwu, tiddetermina jekk ikunx jeżisti dritt għal benefiċċju supplimentari bħal dak.

17. Permezz tal-Wet beperking export uitkeringen tas-27 ta' Mejju 1999 (il-Liġi dwar il-limitazzjoni tal-esportabbiltà ta' benefiċċji, iktar 'il quddiem "il-Wet BEU"), iddaħħlet dispożizzjoni ġdida fit-TW li għamlet l-intitolament għal benefiċċji supplimentari suġġett għar-residenza fil-Pajjiżi l-Baxxi. Għalhekk, mill-1 ta' Jannar 2000, ir-riċevituri kollha ta' benefiċċju supplimentari għandhom ikunu jirrisjedu fil-Pajjiżi l-Baxxi.

6 — Regolament tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 1971 **dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità** (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 35), kif emendat.

7 — Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' April 2005, **li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 dwar l-applikazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali għal persuni impjegati, għal persuni li jaħdmu għal rashom u għall-membri tal-familji tagħhom li jiċċaqalqu ġewwa l-Komunità u (KEE) Nru 574/72 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71** (ĠU L 117, p. 1).

18. Skont is-sistema tranżizzjonali stabbilita bl-Artikolu XI tal-Wet BEU, il-ħlas ta’ benefiċċji skont it-TW għal riċevituri li jkunu diġà rċevew benefiċċju supplimentari qabel id-dħul fis-seħħ tas-sistema l-ġdida u li kienu dak iż-żmien jirrisjedu barra mit-territorju tal-Pajjiżi l-Baxxi kellu jintemm gradwalment b’terz kull sena mill-1 ta’ Jannar 2000. L-istess proċedura ta’ tmiem gradwali kellha tkun segwita mis-sena 2007 fir-rigward ta’ ċittadini tal-UE u ż-ŻEE wara li t-TW kienet żdiedet fil-lista fl-Anness IIa tar-Regolament Nru 1408/71.

## II – **Il-fatti, il-proċedura u d-domandi preliminari**

19. M. S. Demirci u ħames ħaddiema oħra li qabel kienu migranti (iktar ’il quddiem “il-konvenuti”) huma ċittadini Torok li ħadmu u rrisjedew fil-Pajjiżi l-Baxxi għal diversi snin. Minħabba invalidità, ma setgħux ikomplu jaħdmu u, għalhekk, kienu ngħataw benefiċċju ta’ invalidità[8], kif ukoll benefiċċju supplimentari mhux kontributorju abbażi tat-TW. Il-benefiċċju supplimentari inkwistjoni huwa intiż li jiżgura li l-livell tal-benefiċċju għal inkapaċità jġib id-dħul finanzjarju ta’ riċevituri qrib kemm jista’ jkun il-paga minima. Qabel l-2000, il-konvenuti kollha marru lura t-Turkija, minkejja li fil-frattemp kienu kisbu — b’żieda man-nazzjonalità Torka tagħhom — in-nazzjonalità tal-Pajjiżi l-Baxxi u b’hekk żammew dritt li jirrisjedu fil-Pajjiżi l-Baxxi.

20. Meta l-Uwv temm gradwalment il-benefiċċju supplimentari abbażi tal-Wet BEU, il-konvenuti appellaw kontra d-deċiżjonijiet meħuda għal dak il-fini. Wara diversi deċiżjonijiet ta’ qrati, l-Uwv issokta bl-għoti tal-benefiċċju supplimentari għal diversi snin iżda fl-aħħar nett temm dan il-benefiċċju gradwalment mill-2004 jew l-2007, skont iċ-ċirkustanzi.

21. Minħabba li kellha dubji dwar il-legalità tat-tmien tal-ħlas tal-benefiċċju supplimentari, iċ-Centrale Raad van Beroep (il-Qorti Superjuri tas-Sigurtà Soċjali) (il-Pajjiżi l-Baxxi) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tirrinvija d-domandi li ġejjin għal deċiżjoni preliminari:

“(1) L-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni 3/80, b’riferiment għall-Artikolu 59 tal-protokoll addizzjonali, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi lis-sistema legali ta’ Stat Membru, bħall-Artikolu 4a TW li jirrevoka s-servizz addizzjonali, mogħti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, meta l-benefiċjarji tiegħu ma għadhomx iktar residenti fit-territorju ta’ dan l-Istat anki jekk kisbu n-nazzjonalità tal-Istat Membru ospitanti filwaqt li żammew in-nazzjonalità Torka?

(2) Jekk, fir-risposta għall-ewwel domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li l-partijiet ikkonċernati jistgħu jinvokaw l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni 3/80, iżda fil-limiti stabbiliti mill-Artikolu 59 tal-protokoll addizzjonali: l-Artikolu 59 tal-protokoll addizzjonali għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li jkompli jingħata l-benefiċċju addizzjonali liċ-ċittadini ta’ nazzjonalità Torka, bħall-partijiet ikkonċernati, mill-mument meta l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ma tippermettix iktar liċ-ċittadini tal-Unjoni jitolbu dan anki jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali ppermettiet liċ-ċittadini tal-Unjoni jkunu intitolati għal dan il-benefiċċju għal perijodu itwal ta’ żmien?”

22. Uwv, M.S. Demirci u R. Keskin, il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, kif ukoll il-Kummissjoni ppreżentaw l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom. Waqt is-seduta tal-14 ta’ Mejju 2014, ġew ippreżentati osservazzjonijiet orali minn dawk il-partijiet u minn Cetin.

8 — Dan kien ingħata abbażi tal-Wet op de arbeidsongeschiktheidsverzekering (il-Liġi dwar benefiċċji ta’ invalidità).

## III – **L-analiżi**

### A – *Osservazzjonijiet preliminari*

23. L-għanqbuta ta' problemi li ssejjes il-kawżi quddiem il-qorti tar-rinviju (iktar 'il quddiem "din il-kawża") tixbah mill-qrib is-sitwazzjoni kumplikata li tat lok għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Akdas *et*[9]. Essenzjalment, kemm Akdas *et* (EC:C:2011:346) kif ukoll din il-kawża jittrattaw l-esportabbiltà mill-Pajjiżi l-Baxxi ta' benefiċċju mhux kontributorju fi flus (benefiċċju supplimentari speċjali) skont it-TW f'ċirkustanzi fejn dak il-benefiċċju ma jkunx jista' jiġi iktar esportat lil Stati Membri minn ċittadini tal-UE.

24. Madankollu teżisti differenza kruċjali bejn iż-żewġ kawżi. F'Akdas *et* (EU:C:2011:346), l-ex-ħaddiema Torok ikkonċernati kellhom nazzjonalità Torka. F'din il-kawża, il-konvenuti kisbu, minbarra n-nazzjonalità Torka, dik tal-Istat Membru ospitanti. Kif turi din il-kawża, ċittadinanza multipla tirriżulta f'diffikultajiet ta' interpretazzjoni mingħajr preċedent b'rabta mal-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 3/80.

25. Qabel ma ngħaddi biex neżamina dawk id-diffikultajiet f'iktar dettall, għandu jitfakkar li r-Regolament Nru 1408/71 stabbilixxa sistema speċifika għal "benefiċċji mhux kontributorji speċjali" mill-1992 'l hawn. Filwaqt li benefiċċji bħal dawn jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-regolament, Stati Membri jistgħu, skont l-Artikolu 10a tiegħu (illum l-Artikolu 70 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004)[10], jirriżervaw benefiċċji bħal dawn għal residenti. Dan jibqa' hekk sakemm il-benefiċċji msemmija jkunu elenkati fl-Anness IIa tar-Regolament Nru 1408/71 (illum l-Anness X tar-Regolament Nru 883/2004). It-TW hija elenkata f'dak l-Anness.

26. F'dak l-isfond, l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet f'Akdas *et* (EU:C:2011:346) li, minkejja l-fatt li ċittadini tal-UE li jiċċaqalqu minn Stat Membru għal ieħor ma humiex intitolati jieħdu magħhom il-benefiċċji supplimentari mogħtija abbażi tat-TW, dik ir-restrizzjoni tapplikax għal ħaddiema Torok. Importanti huwa li l-fatt li ċittadini Torok jistgħu jieħdu magħhom il-benefiċċju supplimentari inkwistjoni ma tqisx li kien imur kontra l-Artikolu 59 tal-Protokoll Addizzjonali, li jipprekludi trattament iktar favorevoli ta' ċittadini Torok meta mqabbla ma' ċittadini tal-UE[11].

27. Fid-dawl tas-sentenza Akdas *et* (EU:C:2011:346), il-kwistjoni li tqum issa hija x'implikazzjonijiet għandha n-naturalizzazzjoni tal-konvenuti għad-deċiżjoni ta' din il-kawża. Kif jixhdu l-fehmiet diverġenti espressi mill-partijiet li ssottomettew osservazzjonijiet, ir-risposta għal dik id-domanda bl-ebda mod ma hija ċara. Madankollu, kif ser nipprova nuri iktar 'il quddiem, naħseb li s-sitwazzjoni tal-konvenuti hija intrinsikament differenti minn dik tal-ħaddiema Torok fil-kawża Akdas *et* (EU:C:2011:346). Wara kollox, bħala ċittadini tal-Pajjiżi l-Baxxi, dawn huma ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

9 — C-485/07, EU:C:2011:346 ("Akdas").

10 — Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72).

11 — Akdas *et*, EU:C:2011:346, punt 88 u l-ġurisprudenza ċċitata.

B – *L-impatt taż-żamma taċ-ċittadinanza ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea*

28. Għal ħaddiema migranti, bħal ċittadini Torok, li jaħdmu fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, il-kisba tan-nazzjonalità tal-Istat Membru ospitanti mingħajr dubju tirrappreżenta stadju importanti sabiex tintlaħaq il-quċċata tal-integrazzjoni [12]. Għar-raġunijiet li ġejjin, fil-fehma tiegħi d-Deċiżjoni Nru 3/80 ma tibqax tapplika iktar malli ħaddiem Tork jikseb in-nazzjonalità tal-Istat Membru ospitanti. Dak il-ħaddiem ikun ċittadin tal-Unjoni Ewropea bi dritt tiegħu. Għaldaqstant ma jistax iktar jaqbad u jagħżel bejn ir-regoli applikabbli skont ma jkun jidher fl-aħjar interess tiegħu f'kull sitwazzjoni partikolari.

29. Fil-fehma tiegħi malli ċittadini Torok li jkunu daħlu fi Stat Membru skont is-sistema ta' Assoċjazzjoni KEE-It-Turkija jiġu naturalizzati fl-Istat Membru ospitanti, huma ma jiksbux id-drittijiet tagħhom għas-sigurtà soċjali mid-Deċiżjoni Nru 3/80. Bħala ċittadini (sħaħ) tal-Unjoni Ewropea, huma jiksbu d-drittijiet tagħhom mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru inkwistjoni u, fejn applikabbli, mid-dritt tal-Unjoni. Inkella jkunu japplikaw fl-istess waqt żewġ settijiet ta' regoli dwar benefiċċji ta' invalidità.

30. Pereżempju, id-Deċiżjoni Nru 1/80 [13] — strument adottat sabiex jagħti l-ħajja mill-ġdid u jiżviluppa relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn ir-Repubblika tat-Turkija u l-Unjoni Ewropea [14] — tfittex li ssaħħaħ it-trattament soċjali mogħti lil ħaddiema u lil membri tal-familji tagħhom skont is-sistema ta' Assoċjazzjoni KEE-It-Turkija [15]. F'dan ir-rigward huwa *biss fil-kwalità tagħhom ta' ħaddiema* jew ta' membri tal-familja ta' ħaddiem li ċittadini Torok huma koperti mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u għalhekk jieħdu l-istatus legali tagħhom mid-Deċiżjoni Nru 1/80 [16]. Dik ma hijiex il-pożizzjoni, skont id-dritt tal-Unjoni, għal ħaddiema (jew, wara kollox, għal kull kategorija oħra ta' persuni) li jkollhom iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru li jkunu eżerċitaw id-dritt tagħhom għal-libertà ta' moviment. Huma jieħdu drittijiet mid-dritt tal-Unjoni sempliċiment bis-saħħa taċ-ċittadinanza tagħhom ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea [17].

31. Dan jidher minn Kahveci u Inan [18], li hija kawża oħra li joqogħdu fuqha l-konvenuti. Kahveci kienet ibbażata fuq l-interpretazzjoni tajba tal-Artikolu 7 [19] tad-Deċiżjoni Nru 1/80. Il-punt inkwistjoni kien jekk *membri tal-familja* ta' ħaddiema Torok li, bħall-konvenuti, kellhom nazzjonalità doppja tal-Pajjiżi l-Baxxi u tat-Turkija, kinux għadhom jistgħu jinvokaw jew le dik id-dispożizzjoni la darba dawk il-ħaddiema kienu kisbu n-nazzjonalità tal-Istat Membru ospitanti.

32. Naqbel għalkollox mal-analiżi tal-Avukat Ġenerali Sharpston f'dik il-kawża. Fir-rigward tal-ħaddiema kkonċernati, l-awtoritajiet ta' Stat Membru meta jittrattaw ma' ħaddiem li jkollu nazzjonalità doppja, huma ħielsa li jqisuh li jkollu biss in-nazzjonalità ta' dak l-Istat Membru [20]. Madankollu, ma jistgħux ma jagħtux kas tan-nazzjonalità Torka tal-persuna meta jittrattaw ma'

12 — Ara l-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fis-sentenza Kahveci u Inan, C-7/10 u C-9/10, EU:C:2011:673, punti 61 sa 63, dwar il-kunċett ta' integrazzjoni fl-Istati Membri ospitanti u l-kumplessitajiet involuti f'dak il-proċess.

13 — Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, tad-19 ta' Settembru 1980, dwar l-iżvilupp tal-Assoċjazzjoni.

14 — Dan l-għan huwa espress fl-ewwel premessa ta' dik id-deċiżjoni.

15 — Għal dak il-għan, ara t-tielet premessa ta' dik id-deċiżjoni.

16 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-Kawża Ziebell, C-371/08, EU:C:2011:244, punt 49.

17 — Ara, b'analoġija, Micheletti *et*, C-369/90, EU:C:1992:295. F'dik il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li l-awtoritajiet Spanjoli kellhom jittrattaw persuna b'nazzjonalità doppja Arġentina u Taljana bħala ċittadina tal-Unjoni. Fil-fehma tiegħi, minn dik is-sentenza jista' jiġi dedott li, fit-trattamenti tagħhom ma' dawk il-persuni tan-nazzjonalità tagħhom stess li jkollhom ċittadinanza multipla (bħal f'din il-kawża), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru inkwistjoni għandhom iqisu lil dawk il-persuni bħala li jkollhom in-nazzjonalità ta' dak l-Istat.

18 — Kahveci, C-7/10 u C-9/10, EU:C:2012:180.

19 — L-Artikolu 7 jirregola d-drittijiet tal-membri tal-familja ta' ħaddiema Torok legalment residenti fl-Istat Membru ospitanti. Huwa jgħid, b'mod partikolari, li dawn il-membri tal-familja huma intitolati jwieġbu għal kull offerta ta' impjieg wara li jkunu ilhom residenti legalment għal mill-inqas tliet snin f'dak l-Istat Membru u li għandhom igawdu minn aċċess liberu għal kull impjieg bi ħlas tal-għażla tagħhom, bil-kundizzjoni li jkunu ilhom residenti legalment fl-Istat Membru ospitanti għal mill-inqas ħames snin.

20 — Tabilħaqq, kif huwa magħruf sewwa, l-Istati Membri jżommu s-setgħa li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-kisba u t-telf tan-nazzjonalità tagħhom. L-istess japplika fir-rigward tal-eżerċizzju mill-Istati Membri tas-setgħat tagħhom fl-isfera tan-nazzjonalità b'mod ġenerali. Madankollu, dak huwa bla ħsara għall-kundizzjoni li dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati b'konformità mhux biss mad-dritt tal-Unjoni iżda wkoll mad-dritt internazzjonali.

membri tal-familja li *ma jkunux* ċittadini tal-Unjoni Ewropea. Dan huwa hekk għaliex *mill-perspettiva tar-relazzjoni tal-awtoritajiet mal-membru tal-familja* kkonċernat, il-ħaddiem li jkollu ċittadinanzi multipli jissokta jkun persuna ta' nazzjonalità Torka li tkun legalment fis-suq tax-xogħol fil-Pajjiżi l-Baxxi. Għalkemm il-ħaddiem ikollu d-drittijiet mill-istatus tiegħu bħala ċittadin tal-Istat Membru kkonċernat, huwa jissokta, madankollu, ikun "ħaddiem Tork" skont it-tifsira tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80. Fi kliem ieħor, sakemm dawk il-ħaddiema jkunu kisbu dħul legali fl-Istat Membru inkwistjoni, il-membri tal-familja jista' jkollhom drittijiet skont l-Artikolu 7, *anki jekk is-sors ta' dawk id-drittijiet ma jkunx jista jagħmel hekk minnu nnifsu*, minħabba li, meta jittrattaw ma' dik il-persuna, l-awtoritajiet tal-Istat Membru inkwistjoni għandhom jinjoraw nofs l-istatus taċ-ċittadinanza tagħha [21].

33. F'dak il-kuntest, punt li għandu jiġi enfasizzat huwa dak li jagħti lil ċerta kategorija ta' ċittadin tal-Unjoni Ewropea (jiġifieri, dawk li jkollhom kemm in-nazzjonalità Torka kif ukoll dik ta' Stat Membru) trattament preferenzjali minħabba nazzjonalità *mhux* tal-Unjoni jġib miegħu distinzjoni bejn kategoriji differenti ta' ċittadin tal-Unjoni. Għalhekk, li tkun permessa l-esportabbiltà (fl-Unjoni Ewropea) għal xi ċittadini tal-Unjoni, iżda mhux għal oħrajn, imur b'mod ċar kontra l-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni.

34. Fi kliem ieħor, malli ħaddiema Torok bħalma huma l-konvenuti jiksbu n-nazzjonalità tal-Istat Membru ospitanti, dawn sempliċement ma jibqgħux iktar "ħaddiema Torok" skont it-tifsira tad-Deċiżjoni Nru 3/80 (jew, f'termini iktar ġenerali, skont il-Liġi tal-Assoċjazzjoni). Minn dak il-mument, ma jibqgħux iktar jieħdu d-drittijiet tagħhom għal benefiċċji tas-sigurtà soċjali mil-Liġi tal-Assoċjazzjoni iżda, minflok, mid-dritt nazzjonali u, meta applikabbli, mid-dritt tal-Unjoni.

35. Għalhekk nifhem li d-Deċiżjoni Nru 3/80 ma għandhiex tapplika fiċ-ċirkustanzi tal-każijiet quddiem il-qorti tar-rinviju, fejn il-ħaddiema kkonċernati kisbu n-nazzjonalità tal-Istat Membru ospitanti u fl-istess waqt żammew in-nazzjonalità Torka.

36. Madankollu, il-qorti tar-rinviju u l-partijiet li ssottomettew osservazzjonijiet għażlu b'mod predominanti perspettiva differenti sabiex jittrattaw il-kwistjonijiet ta' interpretazzjoni li fuqhom hija bbażata din il-kawża, jiġifieri mill-aspett tal-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 3/80 (u tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Akdas). F'ġieħ il-kompletezza, issa ngħaddi biex nuri — għalkemm b'riskju li nċajpar l-istampa mingħajr bżonn — li, anki abbażi tal-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 3/80 moqri flimkien mal-Artikolu 59 tal-Protokoll Addizzjonali, din il-kawża hija differenti minn Akdas.

## C – *Raġunament abbażi tas-sentenza Akdas et*

### 1. Is-sentenza Akdas *et* u l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 3/80

37. Fis-sentenza Akdas *et* (EU:C:2011:346) il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 3/80 għandu effett dirett fir-rigward ta' persuni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tad-deċiżjoni [22]. L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Nru 3/80 ikopri, fost oħrajn, ħaddiema li kienu suġġetti għal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, u li huma ċittadini Torok. Jekk wieħed jassumi li d-Deċiżjoni Nru 3/80 għadha applikabbli, il-konvenuti (bħall-persuni kkonċernati fil-kawża Akdas *et,*

21 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston f'Kahveci u Inan, EU:C:2011:673, punt 74. Dan ir-raġunament jidher li huwa aċċettat — għall-inqas impliċitament — mill-Qorti tal-Ġustizzja (ara l-punt 35 tas-sentenza f'dik il-kawża). Skont il-Qorti tal-Ġutizzja, l-għan globali tad-Deċiżjoni Nru 1/80 — it-titjib tat-trattament soċjali ta' ħaddiema Torok fl-Istat Membru ospitanti — "jiġi ostakolat jekk il-kisba taċ-ċittadinanza tal-Istat Membru ospitanti tobbliga lil ħaddiem li jkun għad għandu ċittadinanza Torka sabiex jirrinunzja għall-benefiċċju tal-kundizzjonijiet favorevoli għar-riunifikazzjoni tal-familja fl-Istat Membru ospitanti".

22 — Punt 74.

EU:C:2011:346) jissodisfaw dak il-kriterju: huma ċittadini Torok li kienu suġġetti għal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, jiġifieri dik tal-Pajjiżi l-Baxxi. Għaldaqstant, dawk ex ħaddiema Torok għandhom, bħala prinċipju, ikunu intitolati joqogħdu fuq l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 3/80 sabiex jiżguraw li l-benefiċċju supplimentari inkwistjoni fil-kawża prinċipali jkompli jitħallas fit-Turkija.

38. Wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Akdas *et*, (EU:C:2011:346), huwa wkoll ċar li benefiċċju supplimentari mhux kontributorju fi flus bħalma hu dak inkwistjoni hawnhekk jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 3/80[23]. B'mod iktar speċifiku, fir-rigward tal-esportabbiltà tal-benefiċċju inkwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat li ex ħaddiema Torok li kienu marru lura t-Turkija xorta kienu għadhom intitolati jirċievu, skont l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 3/80, benefiċċju soċjali bħalma huwa dak il-benefiċċju supplimentari (anki jekk ċittadini tal-Unjoni Ewropea ma jgawdux minn dritt korrispondenti). Il-Qorti tal-Ġustizzja waslet għal din il-konklużjoni għar-raġunijiet li ġejjin[24].

39. L-ewwel, l-Artikolu 39(4) tal-Protokoll Addizzjonali jipprovdi espressament l-esportazzjoni ta' ċerti benefiċċji soċjali, inklużi pensjonijiet u pensjonijiet għal invalidità miksuba mill-ħaddiema ta' nazzjonalità Torka abbażi tal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru wieħed jew iktar. It-tieni, kif imsemmi iktar 'il fuq, l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Nru 3/80 ikopri ħaddiema Torok li "kienu suġġetti" għal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru wieħed jew iktar, mingħajr speċifikazzjoni ulterjuri. Ħaddiema Torok jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 3/80 għas-sempliċi raġuni li huma kienu suġġetti għal-leġiżlazzjoni ta' mill-inqas Stat Membru wieħed[25].

40. It-tielet, u x'aktarx b'mod iktar fundamentali, l-applikazzjoni fil-kuntest tad-Deċiżjoni Nru 3/80 tas-sistema fis-seħħ bħalissa skont ir-Regolament Nru 1408/71 dwar benefiċċji mhux kontributorji speċjali tkun ekwivalenti għal emenda ta' dik id-deċiżjoni. Dik il-bidla, madankollu, hija prerogattiva riżervata esklużivament għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

41. Dak ta' interess partikolari għall-finijiet tal-lum huwa, iżda, l-istatus taċ-ċittadini Torok wara li jkunu waqfu jaħdmu fl-Istat Membru ospitanti. Filwaqt li bbażat ruħha fuq l-awtorità tas-sentenza Bozkurt[26] , il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li ċittadin Tork li kien jappartieni lill-forza tax-xogħol ta' Stat Membru, skont it-tifsira tal-Artikolu 6[27] tad-Deċiżjoni Nru 1/80, ma jkunx intitolat awtomatikament jibqa' fit-territorju ta' dak l-Istat wara inċident waqt ix-xogħol. Dan japplika, b'mod iktar partikolari, fejn dak l-inċident irendih permanentement inkapaċi li jaħdem u, għalhekk, jeskludih definittivament mis-suq tax-xogħol[28].

23 — Akdas, EU:C:2011:346, punti 89 sa 91.

24 — *Idem*. Ara, b'mod partikolari, punti 74 u 89 sa 96.

25 — Is-sitwazzjoni hija daqsxejn differenti għall-membri tal-familja ta' dawk il-ħaddiema. Fil-fatt, skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Nru 3/80, dik id-deċiżjoni għandha tapplika għall-"membri tal-familji ta' dawk il-ħaddiema, residenti fit-territorju ta' Stat Membru wieħed jew iktar".

26 — Bozkurt, C-434/93, EU:C:1995:168.

27 — L-Artikolu 6 jirregola l-kundizzjonijiet ta' impjieg attwali fl-Istat Membru ospitanti, li huma mfasslin biex jikkontribwixxu għall-integrazzjoni gradwali tal-ħaddiem Tork ikkonċernat fl-Istat Membru ospitanti. Skont dik id-dispożizzjoni, ħaddiem Tork reġistrat kif imiss bħala li jappartjeni lill-forza tax-xogħol ta' Stat Membru jkun intitolat f'dak l-Istat Membru, wara sena ta' impjieg skont il-liġi, għat-tiġdid tal-permess tiegħu biex jaħdem għall-istess persuna li timpjegah, jekk ikun hemm xogħol. Wara tliet snin ta' impjieg skont il-liġi fi Stat Membru partikolari, ħaddiem bħal dan ikun intitolat iwieġeb — sakemm jitħarsu ċerti kundizzjonijiet oħra — għal offerta oħra ta' impjieg. Fl-aħħar nett, wara erba' snin ta' impjieg skont il-liġi, il-persuna kkonċernata għandha tgawdi minnn aċċess liberu fl-Istat Membru kkonċernat għal kull impjieg bi ħlas tal-għażla tagħha.

28 — Bozkurt, EU:C:1995:168, punt 42.

42. Minħabba li l-persuni kkonċernati fis-sentenza Akdas ma setgħux jitqiesu iktar li kienu jappartjenu lill-forza tax-xogħol f'sens sinjifikattiv, huma ma kinux intitolati, abbażi tad-Deċiżjoni 1/80, jibqgħu fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti [29]. Għalhekk, għall-finijiet tal-Artikolu 59 tal-Protokoll Addizzjonali, is-sitwazzjoni ta' persuni bħal dawn ma setgħetx utilment titqabbel ma' dik ta' ċittadini tal-Unjoni Ewropea. Dan seħħ, essenzjalment, minħabba li ċittadini tal-Unjoni huma intitolati — bħala riżultat taċ-ċittadinanza ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea — jiċċaqalqu u jirrisjedu (bla ħsara għal ċerti dispożizzjonijiet) fit-territorju ta' Stati Membri oħra. Għalhekk, ċittadini tal-Unjoni jżommu wkoll id-dritt tagħhom ta' residenza fl-Istat Membru li jkun ta l-benefiċċju inkwistjoni. Fi kliem ieħor, jistgħu jagħżlu li jħallu t-territorju ta' dak l-Istat u, għal dik ir-raġuni, jitilfu l-benefiċċju. Madankollu, min-naħa l-oħra, huma jżommu wkoll id-dritt li jmorru lura fl-Istat Membru kkonċernat.

2. Akdas *et* u l-Artikolu 59 tal-Protokoll Addizzjonali

43. Kif il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Akdas *et* (EU:C:2011:346) jagħmluha ċara, l-Artikolu 59 tal-Protokoll Addizzjonali jopera bħala "mekkaniżmu meta jkun hemm xejn iktar x'isir" biex ikun żgurat li l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tas-sistema ta' Assoċjazzjoni KEE-It-Turkija ma jittrattax mhux kif imiss ċittadini tal-Unjoni Ewropea b'mod inqas favorevoli minn ċittadini Torok. Iżda l-Artikolu 59 ma jikkostitwixxix klawżola globali nondiskriminatorja li tista' tiġi invokata minn ċittadini tal-Unjoni fiċ-ċirkustanzi kollha fejn ċittadini Torok jingħataw drittijiet skont is-sistema ta' Assoċjazzjoni KEE-It-Turkija li ċittadini tal-Unjoni ma għandhomx [30].

44. Dan il-punt jintwera b'mod ċar bis-sentenza Derin [31] . Hemmhekk il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li l-Artikolu 59 tal-Protokoll Addizzjonali ma kienx jipprekludi interpretazzjoni tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 li skontha membru tal-familja ta' ħaddiem Tork li kien jgħix indipendentement minn dak il-ħaddiem wara li jilħaq l-età adulta kellu jżomm id-dritt li jirrisjedi fl-Istat Membru ospitanti. Dan kien hekk minkejja li ċittadini tal-Unjoni Ewropea ma kinux igawdu minn dritt korrispondenti skont ir-regoli applikabbli tal-Unjoni.

45. Tabilħaqq, dik l-interpretazzjoni kienet iġġustifikata minħabba li l-istatus legali ta' ċittadini Torok (skont l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80) ma setax jitqabbel ma' dak ta' ċittadini tal-Unjoni Ewropea [skont is-sistema stabbilita mir-Regolament (KEE) Nru 1612/68 [32]]. Id-drittijiet li joħorġu mil-Liġi ta' Assoċjazzjoni kienu inqas minn dawk li joħorġu mid-dritt tal-Unjoni għal ċittadini tal-Unjoni f'għadd ta' modi [33]. Għaldaqstant, l-Artikolu 59 tal-Protokoll Addizzjonali ma tqisx li kien ifixkel l-għoti ta' dritt lil ċittadini Torok li ma jeżistix għal ċittadini tal-Unjoni f'kuntest bħal dan. Minn dik is-sentenza jidher li dak li huwa rilevanti huwa l-istatus legali globali taċ-ċittadini Torok u tal-Unjoni. Fi kliem ieħor, l-Artikolu 59 sempliċiment jeżiġi li l-pożizzjoni ta' ċittadini tal-Unjoni ma tistax, b'mod ġenerali, tkun inqas favorevoli minn dik ta' ċittadini Torok b'rabta ma' kategorija ta' drittijiet [34].

29 — EU:C:2011:346, punt 94. Fuq dik il-bażi l-persuni kkonċernati ma kinux telqu mill-Istat Membru ospitanti tal-għażla tagħhom stess u mingħajr raġuni leġittima. Tabilħaqq, huwa paċifiku fil-liġi li tluq mingħajr raġuni leġittima jista' jwassal għat-telf ta' drittijiet miksuba skont is-sistema ta' Assoċjazzjoni KEE-It-Turkija. Ara, f'dan ir-rigward, Er, C-453/07, EU:C:2008:524, punt 30. Ara wkoll Genc, C-14/09, EU:C:2010:57, punt 42.

30 — Tabilħaqq, kif il-kummentaturi poġġewha, "iż-żewġ kategoriji huma suġġetti għal żewġ sistemi legali differenti li għandhom bażi legali differenti u huma rregolati minn leġiżlaturi differenti". Ara Eisele, K., u van der Mei, A., "Portability of Social Benefits and Reverse Discrimination of EU Citizens vis-à-vis Turkish Nationals: Comment on Akdas", 37(2012) *European Law Review*, p. 204 sa 212, p. 211.

31 — Derin, C-325/05, EU:C:2007:442.

32 — Regolament tal-Kunsill, tal-15 ta' Ottubru 1968, dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 15).

33 — Ara, b'mod partikolari, Derin, EU:C:2007:442, punt 62 sa 67. Ara wkoll il-punt 52 tal-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot f'Ziebell, EU:C:2011:244, dwar l-istatus ta' ċittadini tal-Unjoni li jiċċaqalqu minn Stat Membru wieħed għal ieħor.

34 — Eisele u van der Mei, iċċitata iktar 'il fuq, p. 208.

46. Tabilħaqq, b'mod simili għall-kwistjonijiet bażiċi tas-sentenza Derin, is-sistema legali stabbilita sabiex tikkoordina skemi ta' sigurtà soċjali li jkunu stabbiliti skont id-Deċiżjoni Nru 3/80 u li kien il-kwistjoni fil-kawża Akdas *et* (EC:C:211:346) ma taqbilx għal kollox mar-Regolament Nru 1408/71 (illum ir-Regolament Nru 883/2004). Filwaqt li d-deċiżjoni tista' tiżgura l-esportabbiltà ta' ċerti benefiċċji, wieħed jista' bir-raġun jassumi li hija tipprovdi għal protezzjoni inqas estensiva minn dik li toħroġ miċ-ċittadinanza tal-Unjoni b'mod ġenerali[35].

47. Għal kuntrarju, mill-aspett ta' ċittadini Torok, fejn ċittadini Torok jitqiesu li jkunu f'sitwazzjoni li tista' titqabbel ma' dik ta' ċittadini tal-Unjoni, l-applikazzjoni tal-Artikolu 59 tal-Protokoll Addizzjonali tista' ġġib magħha sitwazzjoni li fiha d-drittijiet li ċ-ċittadini Torok setgħu xort'oħra ħadu mis-sistema ta' Assoċjazzjoni KEE-It-Turkija ma jkunx imisshom japplikaw[36].

48. Il-pożizzjoni tal-konvenuti hija biżżejjed differenti minn dik ta' ħaddiema Torok fil-kawża Akdas *et* (EU:C:2011:346)? Kif diġà spjegat hawn fuq, naħseb li hija. Iżda, anki jekk nirriskja li nkun ripetittiv, ser inqis fil-qosor dawk id-differenzi fid-dawl tas-sentenza Akdas *et* (EU:C:2011:346).

3. Akdas *et* u din il-kawża

49. F'Akdas *et* (EC:C:211:346), l-ex ħaddiema Torok ikkonċernati kienu sfaw inkapaċitati fil-Pajjiżi l-Baxxi. Bħala konsegwenza, ma baqgħux iktar jappartjenu lill-forza tax-xogħol tal-Istat Membru ospitanti b'mod li setgħu jingħataw dritt għal residenza kontinwata. Jidher ċar, fil-fehma tiegħi, li — kif il-qorti tar-rinviju nnotat — is-sitwazzjoni ta' ċittadini Torok bħal dawn ma tistax utilment titqabbel ma' dik ta' ċittadini tal-Unjoni, peress li dawn tal-aħħar huma intitolati li jiċċaqalqu minn post għal ieħor u jirrisjedu fit-territorju tal-Istati Membri; għall-kuntrarju tal-ħaddiema Torok, ċittadini tal-Unjoni għandhom il-libertà, mhux biss li jitilqu minn Stat Membru, iżda wkoll li jerġgħu lura fih. Forsi l-iktar importanti huwa li ċ-ċittadini ta' Stat Membru partikolari jistgħu wkoll dejjem jagħżlu ma jitilqux minn dak l-Istat.

50. F'din il-kawża, il-konvenuti jgawdu mid-dritt li jirrisjedu fil-Pajjiżi l-Baxxi preċiżament minħabba li kisbu n-nazzjonalità ta' dak l-Istat: ma kinux imġiegħla jħallu l-Istat Membru tan-nazzjonalità l-oħra tagħhom u dejjem jistgħu jerġgħu lura hemmhekk jekk ikunu jixtiequ jagħmlu hekk. Jekk jagħmlu hekk, jirċievu wkoll il-benefiċċju supplimentari. Għalhekk, skont it-tieni linja ta' raġunament, naqbel, b'mod partikolari, mal-Kummissjoni u mal-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi li l-konvenuti jinsabu f'pożizzjoni essenzjalment differenti meta mqabbla mal-persuni kkonċernati fil-kawża Akdas *et* (EC:C:211:346). Fir-rigward tad-dritt ta' residenza tal-konvenuti, huma fil-fatt fl-istess livell bħal kull ċittadin ieħor tal-Unjoni. Tabilħaqq, *huma* ċittadini tal-Unjoni.

51. Dan waħdu jidher li jiġġustifika l-konklużjoni li, fil-każ tal-konvenuti, l-Artikolu 59 tal-Protokoll Addizzjonali jipprekludi interpretazzjoni tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 3/80 li tippermettilhom jieħdu magħhom il-benefiċċju supplimentari inkwistjoni lil hinn mill-fruntieri tal-Istat Membru li tkun tinsab fih l-istituzzjoni responsabbli għall-ħlas. Madankollu, peress li l-konvenuti jserrħu fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Kahveci u Inan fis-sottomissjonijiet tagħhom, ser nerġa' mmur lura fil-qosor għal dik is-sentenza. Essenzjalment, il-konvenuti jiddeduċu minn dik is-sentenza li ċittadinanza multipla waħedha ma tistax twassal għat-telf ta' drittijiet li normalment jirriżultaw mis-sistema ta' Assoċjazzjoni KEE-It-Turkija.

35 — Huwa minnu li kemm id-Deċiżjoni Nru 3/80 kif ukoll ir-Regolament Nru 1408/71 huma mfasslin sabiex jiżguraw il-koordinazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali f'sitwazzjonijiet ta' mobbiltà ta' ħaddiema. Madankollu, filwaqt li d-deċiżjoni tagħmel riferiment għall-parti l-kbira tal-benefiċċji fir-Regolament Nru 1408/71 hija ma tkoprix, bil-kuntrarju tar-Regolament, benefiċċji għal qagħad. Interessanti wkoll ikun osservat li s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'Akdas wasslet għal proposta mill-Kummissjoni sabiex tiġi emendata d-Deċiżjoni Nru 3/80 u sabiex tiġi inkluża fid-deċiżjoni l-ġdida regola sabiex ma jkunx hemm esportabbiltà ta' benefiċċji mhux kontributorji speċjali fi flus. Ara l-proposta tal-Kummissjoni, 30 ta' Marzu 2012, COM(2012) 153 finali, p. 8.

36 — Ser nerġa' lura għal dan il-punt fil-punt 55 *et seq*. Dwar dak li għandu x'jaqsam mal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja, ara, pereżempju, Soysal u Savatli, C-228/06, EU:C:2009:101, u d-digriet tad-29 ta' Ġunju 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, C-92/07, EU:C:2007:402.

52. Għandi dubji kemm id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Kahveci u Inan (EU:C:2012:180) tista' tiġi trasposta direttament għal din il-kawża jew li Kahveci toffri punt utli ta' riferiment għall-finijiet ta' din il-kawża. Kif spjegat, is-sentenza Kahveci u Inan (EU:C:2012:180) kienet ibbażata fuq interpretazzjoni adatta tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 fir-rigward tad-drittijiet tal-membri tal-familja ta' ħaddiema Torok. F'dak il-kuntest, il-Qorti sostniet li l-għan globali tal-Artikolu 7 huwa li jkun hemm iktar integrazzjoni ta' ħaddiema Torok u tal-membri tal-familji tagħhom fl-Istat Membru ospitanti [37].

53. L-għan intiż mill-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 huwa doppju. Minn naħa waħda, huwa mfassal biex jgħin lil *membri tal-familja* jkunu ma' ħaddiem migrant. Għandu l-għan li jikkonsolida, permezz tar-riunifikazzjoni tal-familja, is-sitwazzjoni tal-impjieg u tar-residenza tal-ħaddiem Tork li jkun *diġà* legalment integrat fl-Istat Membru ospitanti [38]. Min-naħa oħra, u b'mod l-iktar fundamentali, fil-fehma tiegħi, dik id-dispożizzjoni tfittex li tavvanza l-integrazzjoni tal-familja tal-ħaddiem Tork fl-Istat Membru ospitanti. Il-kisba ta' dan l-għan hija żgurata billi l-membru tal-familja kkonċernat jingħata l-possibbiltà li jikseb aċċess għas-suq tax-xogħol. Id-dispożizzjoni, għalhekk, timmira li ssaħħaħ gradwalment il-pożizzjoni tal-membru tal-familja fl-Istat Membru ospitanti sabiex fl-aħħar nett ikun jista' jilħaq pożizzjoni li tkun indipendenti mill-ħaddiem migrant [39].

54. B'kuntrast ma' dan, l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 3/80 ma huwiex imfassal biex jiffavorixxi l-unifikazzjoni tal-familja fl-Istat Membru ospitanti. Huwa jiżgura (fost affarijiet oħra) li *ex ħaddiema* Torok li jkunu marru lura t-Turkija jew iċċaqalqu għal Stat Membru ieħor barra minn dak li tkun tinsab fih l-istituzzjoni responsabbli għall-ħlas jibqgħu intitolati għal ċerti tipi ta' benefiċċju (minkejja l-possibbiltà li jkun hemm klawżoli ta' residenza introdotti mill-Istat Membru ospitanti), bħal dawk inkwistjoni quddiem il-qorti tar-rinviju. Huwa maħsub li jiffaċilita r-ritorn tal-ex ħaddiem Tork lejn, fost l-oħrajn, it-Turkija, jekk jagħżel li jagħmel hekk.

55. F'dan is-sens, il-projbizzjoni ta' klawżoli ta' residenza stabbiliti fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 3/80 tista' tiġi deskritta bħala li ssegwi għan "kumpensatorju". Dik il-projbizzjoni tiżgura li ex ħaddiema Torok li kienu vittmi ta' aċċident waqt ix-xogħol jew li batew minn mard ikkaġunat mix-xogħol jingħataw kumpens adegwat għall-isfortuna li jkunu batew fl-Istat Membru ospitanti. Dan jidher raġonevoli, fid-dawl tal-fatt li dak l-Istat ikun ibbenefika dawk il-ħaddiema.

56. Mal-ewwel daqqa ta' għajn, meqjus fid-dawl ta' dak il-għan, l-approċċ li nipproponi jista' forsi jidher li ma huwiex raġonevoli. Tabilħaqq, il-konklużjoni loġika tal-approċċ tiegħi hija li ex ħaddiema Torok li jkunu kisbu n-nazzjonalità tal-Istat Membru ospitanti jistgħu jitilfu d-drittijiet li kieku kien ikollhom skont l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 3/80. Dan huwa dak li jiġri jekk dik id-dispożizzjoni tinqara skont l-Artikolu 59 tal-Protokoll Addizzjonali.

57. Madankollu, dik l-oġġezzjoni tonqos milli tieħu inkunsiderazzjoni punt importanti. Intenni li l-Liġi tal-Assoċjazzjoni toffri lil ħaddiema Torok, b'mod ġenerali, għall-inqas, protezzjoni inqas estensiva minn dik li l-liġi tal-Unjoni toffri liċ-ċittadini tal-Unjoni. Filwaqt li t-telf tad-dritt li wieħed jieħu miegħu ċerti benefiċċji jista' ċertament jidher sfortunat, in-naturalizzazzjoni fl-Istat Membru ospitanti ġġib drittijiet oħra li ma humiex disponibbli lil ħaddiema li jkollhom biss nazzjonalità Torka. F'dak ir-rigward, id-drittijiet għas-sigurtà soċjali li jgawdi minnhom ex ħaddiem Tork naturalizzat fil-pożizzjoni tal-konvenuti kollha jistgħu jitqabblu kompletament ma' dawk ta' ċittadini (oħra) tal-Unjoni (u, f'dan il-każ, ma' dawk ta' ċittadini oħra tal-Pajjiżi l-Baxxi). Dan ma huwiex hekk fil-każ ta' ex ħaddiema Torok li ma jkunux kisbu n-nazzjonalità tal-Istat Membru ospitanti (bħalma kien il-każ fil-kawża Akdas *et* EU:C:2011:346).

37 — Ara EU:C:2012:180, punt 33. Ara wkoll il-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston f'Kahveci u Inan (EU:C:2012:180), EU:C:2011:673.

38 — Ara, għal dak il-għan, Kahveci u Inan, EU:C:2012:180, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata.

39 — Ara għal dak il-għan, *ibid.*, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata.

58. Barra dan, kif xi wħud mill-partijiet li ssottomettew osservazzjonijiet innotaw, l-esportabbiltà tal-benefiċċju supplimentari għat-Turkija tista' terġà tinkiseb billi ma tibqax tinżamm in-nazzjonalità tal-Pajjiżi l-Baxxi. Huwa minnu li dik is-soluzzjoni tista' tidher problematika jekk tiġi kkunsidrata fl-isfond tal-għan li tiġi żgurata l-integrazzjoni ta' ħaddiema Torok fl-Istat Membru ospitanti. Tista' tiskoraġġixxi lil dawk il-ħaddiema milli jieħdu n-nazzjonalità tal-Istat Membru ospitanti. Madankollu, għandi dubju dwar kemm ir-riskju li jintilef benefiċċju supplimentari bħal dak inkwistjoni f'din il-kawża fil-prattika jkollu l-effett ta' deterrent kif allegat. Dak huwa minħabba li, kif issemma iktar 'il fuq, in-nazzjonalità tal-Istat Membru ospitanti ġġib magħha drittijiet oħra (inklużi dak tal-libertà tal-moviment) li jirriżultaw miċ-ċittadinanza ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

59. Għaldaqstant, anki skont il-linja interpretattiva magħżula mill-qorti tar-rinviju, ir-riżultat sustantiv ikun l-istess. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 3/80, moqri fid-dawl tal-Artikolu 59 tal-Protokoll Addizzjonali, ma jistax jiġi interpretat bħala li jipprekludi dispożizzjoni leġiżlattiva ta' Stat Membru li tirtira l-benefiċċju supplimentari mogħti abbażi ta' leġiżlazzjoni nazzjonali f'ċirkustanzi fejn il-persuni li jirċievu dak il-benefiċċju ma jkunux għadhom jirresjidu fit-territorju ta' dak l-Istat u fejn dawk il-persuni, filwaqt li jibqgħu jżommu n-nazzjonalità Torka, ikunu kisbu n-nazzjonalità tal-Istat Membru ospitanti.

60. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-kwistjoni hija dwar id-data li minnha jista' jiġi tterminat il-ħlas tal-benefiċċju supplimentari. Dik il-kwistjoni ser tiġi indirizzata issa.

## D – *Iż-żmien xieraq għat-terminazzjoni tal-ħlas tal-benefiċċju supplimentari*

61. Bħall-ewwel domanda preliminari, it-tieni waħda hija inkwadrata fil-kuntest tal-Artikolu 59 tal-Protokoll Addizzjonali. B'mod iktar speċifiku, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk dik id-dispożizzjoni tipprekludix il-ħlas kontinwat ta' benefiċċju supplimentari lill-konvenuti meta ċittadini tal-Unjoni fl-istess ċirkustanzi (li jkunu marru lura fil-pajjiż tagħhom ta' oriġini) ma jkunx għad għandhom dritt għal dak il-benefiċċju abbażi tad-dritt tal-Unjoni.

62. Kif jixhdu kemm l-osservazzjonijiet bil-miktub kif ukoll it-trattazzjonijiet orali, teżisti konfużjoni kunsiderevoli dwar il-paragun korrett f'dan il-kuntest. F'dak ir-rigward, wieħed mill-fatti li dwaru kien hemm enfażi speċjali huwa l-fatt li ċittadini tal-Unjoni — li fiż-żmien meta kien introdott il-kriterju tar-residenza kienu jirrisjedu fi Stati Membri oħra — madankollu żammew dak il-benefiċċju matul perijodu tranżizzjonali abbażi ta' leġiżlazzjoni nazzjonali [40].

63. Hu x'inhu, nixtieq nagħmilha ċara li dak li qed nittrattaw dwaru hawn, fir-realtà, huma ċittadini tal-Pajjiżi l-Baxxi li ċċaqalqu mill-Pajjiżi l-Baxxi għal pajjiż terz u li jixtiequ jieħdu magħhom (jew, tabilħaqq, ħadu magħhom) il-benefiċċju supplimentari minn dak l-Istat Membru *lil hinn* mill-fruntieri tal-Unjoni Ewropea. Jiena, għalhekk, ninsab ferm konvint li l-paragun xieraq ma huwiex ma' ċittadin tal-Unjoni (pereżempju, Ġermaniż) li jmur lura fil-pajjiż tiegħu ta' oriġini wara li jkun ħadem fil-Pajjiżi l-Baxxi. Minflok, il-konvenuti għandhom jitqabblu ma' kull ċittadin tal-Pajjiżi l-Baxxi li jkun jixtieq li jieħu miegħu l-benefiċċju supplimentari f'pajjiż terz (kemm jekk tkun it-Turkija jew kwalunkwe pajjiż ieħor).

40 — Kif imsemmi iktar 'il fuq, l-esportabbiltà tal-benefiċċju supplimentari fl-Unjoni Ewropea kienet ristretta sa mill-5 ta' Mejju 2005, id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 647/2005. Wara dik id-data, ġew applikati regoli tranżizzjonali nazzjonali (li jipprovdu għal perijodu gradwali ta' tmiem progressiv) b'rabta ma' Stati Membri oħra tal-Unjoni.

64. F'dawk iċ-ċirkustanzi, jiena nifhem li d-determinazzjoni taż-żmien xieraq li fih jiġi tterminat ħlas tibqa' purament materja ta' liġi nazzjonali u ċ-ċavetta għas-soluzzjoni tagħha ma tinstabx f'interpretazzjoni tal-Artikolu 59 tal-Protokoll Addizzjonali [41]. Fi kliem ieħor, peress li dan il-każ huwa dwar ċittadini tal-Pajjiżi l-Baxxi li jieħdu magħhom il-benefiċċju supplimentari f'pajjiż terz, jidher li ma hemmx rabta viżibbli mad-dritt tal-Unjoni. Il-konvenuti ma eżerċitawx id-dritt tagħhom għal-libertà tal-moviment *ġewwa* l-Unjoni Ewropea [42].

65. Għaldaqstant, ma nemminx li, fiċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża, l-Artikolu 59 tal-Protokoll Addizzjonali joffri kejl xieraq għad-determinazzjoni taż-żmien għat-terminazzjoni tal-ħlas tal-benefiċċju supplimentari inkwistjoni. Din hija kwistjoni ta' liġi nazzjonali, li għandha tiġi deċiża mill-qorti nazzjonali.

## IV – **Konklużjoni**

66. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula miċ-Centrale Raad van Beroep kif ġej:

1) Id-Deċiżjoni Nru 3/80, tad-19 ta' Settembru 1980, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali tal-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej lil ħaddiema Torok u lil membri tal-familji tagħhom ma għandhiex tapplika fiċ-ċirkustanzi tal-każijiet quddiem il-qorti tar-rinviju, fejn il-persuni kkonċernati kienu kisbu n-nazzjonalità tal-Istat Membru ospitanti filwaqt li kienu żammew in-nazzjonalità Torka.

2) F'dawk iċ-ċirkustanzi, id-determinazzjoni taż-żmien għat-terminazzjoni tal-ħlas tal-benefiċċju supplimentari hija kwistjoni li taqa' taħt id-dritt nazzjonali, u li għalhekk għandha tiġi deċiża mill-qorti nazzjonali.

41 — F'dak ir-rigward, mid-digriet tar-rinviju jirriżulta li l-ħlas tal-benefiċċju supplimentari lil riċevituri li lkoll kienu diġà rċevew benefiċċju bħal dak qabel id-dħul fis-seħħ tas-sistema l-ġdida u li wara kienu jirrisjedu barra mit-territorju tal-Pajjiżi l-Baxxi kellu jintemm progressivament mill-1 ta' Jannar 2000.

42 — Kieku dan kien il-każ, kien jirriżulta dritt għall-esportabbiltà mil-liġijiet tal-Unjoni sal-5 ta' Mejju 2005 biss. Minn dik id-data 'l quddiem, ġew applikati arranġamenti bilaterali differenti.